# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 24 ta' Mejju 2022**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1014/2021 JVC**

**Stella Marija Hamilton de Berniere detentriċi tal-passaport Ingliż numru 126675363 u registrata mad-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-isem Stella Marija u bil-kunjom Smith**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Stella Marija Hamilton de Berniere ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1) 'Illi ir-rikorrenti Stella Marija Hamilton de Berniere twieldet nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elf disgħa mija u tlieta u sittin (1963) ġewwa St Mary's Hospital f'Portsmouth fil-County ta' Hampshire fl-Ingilterra. Illi kif jidher mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti kopja ta' liema ġie irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta nhar it-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u li għandu in-numru ta' iskrizzjoni erbat elef u ħmistax tas-sena elfejn u tlettax (4515/2013) (hawn anness u mmarkat bħala Dok.A) dakinhar tat-twelid ir-rikorrenti Stella Marija Hamilton de Berniere ingħatat l-isem ta' Stella Marija Smith;

2) Illi stante illi omm ir-rikorrenti u ċioe' Elena Smith nee' D'Esposito hija ċittadina Maltija, ir-rikorrenti applikat għaċ-ċittadinanza Maltija permezz ta' Reġistrazzjoni u filfatt hija ottjeniet iċ-ċittadinanza Maltija permezz ta' reġistrazzjoni nhar it-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) (kopja taċ-ċertifikat taċ-ċittadinanza hawn anness u mmarkat bħala Dok. B);

3) Illi għandha ssir referenza għal fatt illi għalkemm fl-att tat-twelid tar-rikorrenti hemm imniżżel illi hija ingħatat l-ismijiet ta' Stella Marija hija fil-magħmudija tagħha ta' nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Awwissu tas-sena elf disgħa mija u tlieta u sittin (1963) fi Christ Church ġo Surrey fl-Ingilterra hija ingħatat l-ismijiet ta' Stella Marija Hamilton u hija dejjem kienet magħrufa b'dawn it-tliet ismijiet (kopja taċ-ċertifikat tal-magħmudija hawn anness u mmarkat bħala Dok. Ċ);

4) Illi filfatt kemm iċ-ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija suriferit u anke karta tal-identita' Maltija preċedenti u illi illum tinsab skaduta (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. D) inħarġu fuq l-ismijiet ta' Stella Marija Hamilton;

5) Illi permezz ta' deed poll ta' nhar it-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) ir-rikorrenti biddlet isimha minn Stella Marija Hamilton Smith għal isimha kurrenti u ċioe' Stella Marija Hamilton de Berniere (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. E) u hija ilha tuża dak l-isem sa minn dakinhar u ċioe' għal dawn l-aħħar ħdax-il sena.

6) Illi il-passaport Ingliż tar-rikorrenti huwa maħruġ taħt l-isem ta' Stella Marija Hamilton de Berniere (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. F);

7) Illi apparti mill-ħajja personali tagħha, ir-rikorrenti hija magħrufa bl-isem il-ġdid tiegħu ta' Stella Marija Hamilton de Berniere anke fil-ħajja professjonali tagħha.

8) Illi ġewwa l-Ingilterra kull individwu għandu id-dritt illi jibdel ismu b'mod liberu permezz ta' kuntratt u ċioe' l-imsemmi deed poll u għalkemm ma hemmx statut illi jilleġisla l-imsemmi deed poll, dan huwa dokument illi għandu validita' legali stante illi ġie aċċettat minħabba it-trapass ta' żmien u l-prattika, kif filfatt huwa komuni fil-liġijiet Ingliżi (opinjoni legali ta' Avukat mill-Ingilterra hawn annessa u mmarkata bħala Dok. G);

9) Illi riċentement ir-rikorrenti trasferixxiet ruħha ġewwa Malta sabiex tgħix u taħdem f'pajjiżna b'mod permanenti iżda meta ġiet biex titlob lid-Direttur intimat sabiex jirrikonoxxi il-bidla ta'

isimha permezz tad-*deed poll* hija ġiet infurmata illi f'Malta bidla ta' isem permezz ta' *deed poll* ma hijiex rikonoxxuta awtomatikament mid-Direttur intimat u għaldaqstant inħolqot sitwazzjoni fejn isem ir-rikorrenti qiegħed irreġistrat b'mod differenti f'żewġ pajjiżi diversi;

10) Illi peress illi l-Awtoritajiet Maltin ma jirrikonnux bidla tal-isem jew kunjom tal-persuna permezz ta' *deed poll* awtomatikament u hija din l-Onorabbli Qorti illi għandha is-setgħa illi tagħmel dan ai termini tal-artikoli 253 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti qiegħda tippreżenta il-proċeduri odjerni.

Illi għaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u neċessarja, jogħġobha;

1) Tordna u tirrikonoxxi illi hemm il-ħtieġa illi isiru annotazzjonijiet fil-kolonni *"ismijiet mogħtijin"* u *"isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejjħa u kunjom"* fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef u ħmistax tas-sena elfejn u tlettax (4515/2013) għandhom jitniżżlu l-ismijiet ta' Stella Marija Hamilton minflok Stella Marija stante illi ir-rikorrenti minn dejjem kienet magħrufa b'dawn l-ismijiet.

2) Tordna u tirrikonoxxi illi ir-rikorrenti validament bidlet kunjomha minn Smith għal de Berniere u dan permezz tad-deed poll datat nhar t-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u b'hekk hemm il-ħtieġa illi issir annotazzjoni fil-kolonna *"isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejjħa u kunjom"*, fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef u ħmistax tas-sena elfejn u tlettax (4515/2013) kunjom ir-rikorrenti Smith għandu jiġi sostitwit bil-kunjom de Berniere;

3) Tordna illi għalhekk ir-rikorrenti għandha tkun magħrufa ġewwa Malta bl-isem ta' Stella Marija Hamilton de Berniere.

4) Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku illi fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef u ħmistax tas-sena elfejn u tlettax (4515/2013) isiru l-annotazzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonni *"ismijiet mogħtijin"* u *"isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejjħa u kunjom"* flimkien mal-ismijiet Stella Marija għandu jiżdied l-isem Hamilton bħala it-tielet isem u kif ukoll illi fl-imsemmija kolonna *"isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejjħa u kunjom"* il-kunjom Smith għandu jiġi sostitwit bil-kunjom de Berniere.

Bl-ispejjeż kontra id-Direttur intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li r-rikorrenti titlob il-korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante li l-isem li attwalment jappartjeni lilha huwa Stella Marija Smith, u mhux Stella Marija Hamilton de Berniere;

2. Illi in vena preliminari wkoll, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-każ odjern saret talba għar-reġistrazzjoni tal-att tat-twelid esteru ta' Stella Marija Smith, kopja ta' liema talba tinsab annessa mar-rikors ġuramentat promotur intavolat minnha u mmarkata 'Dok. H', u flimkien ma' din it-talba, id-Direttur konvenut kien fornut bl-att tat-twelid esteru relattiv, kopja ta' liema wkoll tinsab annessa mal-affidavit tar-rikorrenti mmarkat 'Dok. H';

5. Illi huwa pależ li l-att tat-twelid Malti insinwat mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, innumerat 4515/2013, kopja ta' liema ġiet ukoll ippreżentata mir-rikorrenti mal-affidavit tagħha anness mar-rikors promotur u mmarkat 'Dok. H, jirrifletti b'mod preċiż il-kontenut tal-att tat-twelid esteru. In effetti, reġistrazzjoni ta' att ta' stat ċivili ssir ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, billi d-Direttur konvenut jislet l-informazzjoni mill-att esteru u jirreġistra l-istess *ad verbatim* fuq dak Malti, u għalhekk ma jistax jingħad illi sar xi żball da parti tad-Direttur intimat;

6. Illi r-rikorrenti nnifisha stqarret fil-premessi tar-rikors ġuramentat promotur u fl-affidavit tagħha illi Stella Marija kien l-isem li ingħatalha fuq iċ-ċertifikat tat-twelid uffiċjali tagħha, iżda fil-magħmudija ingħatalha wkoll l-isem Hamilton wara Stella Marija, u baqgħat magħrufa bl-isem Stella Marija Hamilton;

7. Illi r-rikorrenti tispjega wkoll li fit-12 ta' Jannar tas-sena 2010, għamlet *change of name deed* u bidlet kunjomha minn Smith għal de Berniere, u għalhekk hija saret magħrufa bħala Stella Marija Hamilton de Berniere;

8. Illi l-attriċi tippretendi li la darba saru l-bidliet hawn fuq indikati fir-Renju Unit, l-istess bidliet għandhom jiġu implimentati fl-atti relattivi li kienu rreġistrati f'pajjiżna;

9. Illi fir-rigward tad-*deed polls* jew *change of name deeds*, għalkemm dawn m'humiex regolati mil-liġi nostrana, għandu jiġi sottolineat illi l-Qrati tagħna ddeċidew illi sabiex *deed poll/change of name deed* ikun jista' jiġi rikonoxxut f'pajjiż esteru, għandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-deed poll/change of name deed ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tiegħu skont il-liġi tal-pajjiż konċernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' reġistrazzjoni[1];

10. Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward tat-talbiet attriċi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

11. Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'

---

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011; **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku**, deċiża mil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Lulju 2015; **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' April 2019.

Rat illi l-eccezzjonijiet preliminari mqajjma mid-Direttur tar-Registru Pubbliku gew sorvolati fil-verbal tat-8 ta' Frar 2022 fejn il-Qorti awtorizzat il-korrezzjonijiet mitluba;

Rat illi saret id-debita publikazzjoni esebita a fol. 26A tal-process skont il-Ligi;

Fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat partikularment bosta dokumenti ufficjali li juru li r-rikorrenti llum il-gurnata ghandha l-isem Stella Marija Hamilton de Berniere;

Rat id-Deed Poll esebit a fol. 13 u 14 tal-process minn fejn jirrizulta illi r-rikorrenti rrinunzjat ghal kunjom 'Smith' u hadet il-kunjom 'de Berniere';

Rat ukoll l-affidavit tar-rikorrenti fejn tikkonferma bil-gurament iz-zieda ta' 'Hamilton' bhala t-tielet kif ukoll il-bidla fil-kunjom;

Illi minn dak kollu suespost jirrizulta illi t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata u l-Qorti sre tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz u:

1) Tilqa' l-ewwel talba u tordna u tirrikonoxxi illi hemm il-ħtieġa illi isiru annotazzjonijiet fil-kolonni *"ismijiet*

*mogħtijin"* u *"isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejjħa u kunjom"* fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, hames mija u ħmistax tas-sena elfejn u tlettax (4515/2013) billi għandhom jitniżżlu l-ismijiet ta' Stella Marija Hamilton minflok Stella Marija stante illi ir-rikorrenti minn dejjem kienet magħrufa b'dawn l-ismijiet.

2) Tilqa' t-tieni talba u tordna u tirrikonoxxi illi ir-rikorrenti validament bidlet kunjomha minn Smith għal de Berniere u dan permezz tad-deed poll datat nhar t-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u b'hekk hemm il-ħtieġa illi issir annotazzjoni fil-kolonna *"isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejjħa u kunjom"*, fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef, hames mija u ħmistax tas-sena elfejn u tlettax (4515/2013) kunjom ir-rikorrenti Smith għandu jiġi sostitwit bil-kunjom de Berniere;

3) Tilqa' t-tielet talba u tordna illi għalhekk ir-rikorrenti għandha tkun magħrufa ġewwa Malta bl-isem ta' Stella Marija Hamilton de Berniere.

4) Tilqa' r-raba' talba u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku illi fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef u ħmistax tas-sena elfejn u tlettax (4515/2013) isiru l-annotazzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonni *"ismijiet mogħtijin"* u *"isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejjħa u kunjom"* flimkien mal-ismijiet Stella Marija għandu jiżdied l-isem Hamilton bħala it-tielet isem u kif ukoll illi fl-imsemmija kolonna *"isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejjħa u kunjom"* il-kunjom Smith għandu jiġi sostitwit bil-kunjom de Berniere.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**24 ta' Mejju 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Mejju 2022**